MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2008

Citazzjoni Numru. 355/2006

Kawza fil-lista: 21

**A B**
**vs**
**E B, D C, id-Direttur tar-Registru Pubbliku, u l-Avukat Dottor Richard Sladden u l-Prokuratur Legali Louisa Tufigno nominati kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lit-tifla minuri F B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

Illi l-esponenti hija mizzewga lill-konvenut E B li ilha separata de facto minnu ghal dawn l-ahhar hames snin u llum tinsab ukoll legalment separata minnu permezz ta' kuntratt notarili.

Illi fit-18 ta' Settembru, 2003 l-esponenti weldet lit-tarbija F B u dan skond kif jirrizulta mill-anness certifikat tat-twelid immarkat bhala Dokument RA 1;

Illi l-esponenti fiz-zmien li kienet separata de facto minn mal-konvenut zewgha kellha relazzjoni mal-konvenut l-iehor D C, minn liema relazzjoni twieldet il-minuri F B;

Illi ghalkemm mill-imsemmi certifikat tat-twelid anness jirrizulta illi l-missier tal-minuri F B huwa zewg l-esponenti, u cioe' E B, fil-verita' l-missier naturali tal-imsemmija tarbija huwa l-konvenut l-iehor D C;

Illi ghalhekk li hemm lok illi c-certifikat tat-twelid ta' F B jigi emendat fis-sens illi l-paternita' ta' l-istess minuri tkun korrettament tirrispekkja u tikkonforma mal-fatt illi l-konvenut D C huwa l-missier naturali taghha.

Ghaldaqstant jghidu l-konvenuti ghaliex din l-Onorabbli Qorti m' ghandhiex:

1. Tiddeciedi u tiddikjara li l-missier naturali tat-tarbija F B huwa l-konvenut D C u mhux il-konvenut E B;

2. Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex tigi kkancellata kull referenza li hemm ghal E B bhala missier it-tarbija F B fl-imsemmi certifikat tat-twelid u kull referenza li hemm ghal missier it-tarbija tigi sostitwita bit-taghrif li jirrigwarda lill-konvenut D C li ghandu karta ta' l-identita' numru 239766(M), bin D u Rosina nee' Falzon, ta' eta' ta' erbghin (40) sena, imwieled Pieta' u joqghod Naxxar.

Bl-ispejjez u bl-intimati minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li biha eccepixxa:

1. Illi preliminarjament fil-mertu l-esponent mhux edott mill-fatti kif allegati fir-rikors guramentat u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet, inkluz dawk it-

testijiet xjentifici necessarji, ghal gudizzju ta’ din l-Onorabbli Qorti.

2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, ir-rikorrent ghandu jispecifika ukoll is-segwenti dettalji ta’ l-allegat missier naturali l-intimat D C fid-data tat-twelid tal-minuri: (i) l-eta’ tieghu u; (ii) missieru jekk kienx haj sabiex jekk it-talbiet tar-rikorrenti jintlaqghu, dawn id-dettalji ikunu jistghu jigu inseriti fl-Att tat-Twelid in kwistjoni flimkien mad-dettalji l-ohra. Inoltre, ir-rikorrent ghandu jitlob li jekk jintlaqghu t-talbiet attrici ghandhom jigu kkancellati l-kliem “the said” minn taht il-kolonna li tispecifika d-dettalji ta’ omm it-tarbija.

3. Illi fit-talbiet attrici ghandu jigi specifikat in-numru progressiv ta’ iskrizzjoni ta’ l-Att tat-Twelid li huwa 4146 tas-sena 2003.

4. Illi ghandha ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini ta’ l-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

5. Illi fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid mhuwiex attribwibbli ghal xi nuqqas tal-konvenut li ghaldaqstant m’ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta’ l-istanti.

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati li biha ddikjaraw li ma kienux edotti mill-fatti tal-kaz, u rrizervaw li jipprezentaw risposta ulterjuri;

Rat in-nota prezentata mill-konvenut D C li biha ammetta t-talbiet attrici;

Rat li l-konvenut E B, debitament ingunt, ghazel li jibqa’ kontumaci;

Rat ir-rapport xjentifiku[1] ta’ l-analista Christopher Farrugia u l-Ispizjara Marisa Cassar, minnhom debitament mahluf;

---

[1] Fol.58 *et seq.*

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni**
Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li t-tifla minuri F B li twieldet fit-18 ta' Settembru 2003 u registrata fuq l-Att tat-Twelid numru 4146/2003 bhala bint il-konvenut E B, hija fil-fatt il-wild naturali tal-konvenut D C.

**Fatti**
Illi mill-provi jirrizulta pacifiku li l-attrici sseparat de facto minn ma' zewgha l-konvenut E B f' Gunju 2001, u fil-bidu tas-sena 2002 hija dahlet f' relazzjoni extra matrimonjali stabbli mal-konvenut D C u li ghada sejra sallum. Minn din ir-relazzjoni extra matrimonjali ta' l-attrici mal-konvenut C, twieldet it-tifla F fit-18 ta' Settembru 2003.

Illi l-attrici kkonfermat li minn Gunju 2001 'il quddiem, hija ma kellhiex relazzjonijiet intimi ma' zewgha l-konvenut E B, izda kellha relazzjonijiet intimi mal-konvenut D C; u li t-tifla twieldet minn din ir-relazzjoni. Dan jinsab konfermat mir-rizultanzi tat-testijiet tad-DNA li jkkonfermaw li t-tifla hija l-wild naturali ta' D C.

**Konsiderazzjoni tal-Qorti**
Illi mill-provi jirrizulta manifest li t-talbiet attrici huma gustifikati u jimmeAw li jigu milqugha.

**Decide**
Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa' t-talbiet attrici; u tiddikjara li t-tifla minuri F B, mhijex il-wild naturali tal-konvenut E B, izda hija l-wild naturali tal-konvenut D C; u ghalhekk tordna l-konsegwenzjali korrezzjoni fl-Att tat-Twelid numru 4146/2003 fis-sens li jigi kancellat l-isem ta' E B u l-konnotati tieghu, u minflok, jitnizzel l-isem tal-konvenut D C bil-konnotati tieghu, kif indikat fit-tieni talba.

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati mill-attrici u mill-konvenut D C, konguntivament, fi kwoti wgwali.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------